

**Appell ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2019 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fis-26 ta' Frar 2019 fil-Kawża T-865/16, Fútbol Club Barcelona vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-362/19 P)**

(2019/C 238/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Němečková, B. Stromsky u G. Luengo, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Fútbol Club Barcelona u Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tirriżerva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u, b'mod partikolari, fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' vantaġġ tal-għajnuna mill-Istat u tad-dmir ta' evalwazzjoni tal-eżistenza tal-imsemmi vantaġġ mill-Kummissjoni. Dan l-uniku aggravju jista' jinqasam f'żewġ partijiet, li jirriżultaw mill-iżball ta' liġi identifikat:

- fl-ewwel lok, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonkludiet li l-eżami għad-determinazzjoni dwar jekk sistema fiskali speċifika tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarji ma jirrikjedix biss l-analiżi tal-kriterji inerenti u stabbiliti tas-sistema eżaminata, li jistgħu iqiegħdu lill-benefiċjarji f'pożizzjoni iktar favorevoli meta mqabbla ma' impriżi oħra suġġetti għas-sistema ġenerali, iżda li l-imsemmija evalwazzjoni tirrikjedi wkoll l-analiżi tal-elementi sfavorevoli prodotti minn ċirkustanzi esterni għas-sistema u li jvarjaw għal kull sena fiskali, anki meta dawn l-elementi sfavorevoli jkunu aċċidentali u ma jkunux tali li jinnewtralizzaw sistematikament il-vantaġġ u li, barra minn hekk, ma jistgħux jiġu previsti f'eżami *ex ante* tas-sistema.
- fit-tieni lok, anki fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' vantaġġ, il-Qorti Ġenerali tinterpreta b'mod żbaljat l-obbligu ta' diliġenza tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' skema ta' għajnuna u twettaq żball ta' liġi fir-rigward tal-oneru tal-prova li l-Kummissjoni għandha sabiex turi l-eżistenza ta' vantaġġ f'dan il-każ.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ústavný súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja) fl-14 ta' Mejju 2019 — Prezident Slovenskej republiky**

**(Kawża C-378/19)**

(2019/C 238/15)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

**Qorti tar-rinviju**

Ústavný súd Slovenskej republiky

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Prezident Slovenskej republiky

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2009/72/KE <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE jista' jiġi interpretat, b'mod partikolari fid-dawl tal-premessa 33 tiegħu, fis-sens li jipprekludi li fi Stat Membru, fil-kuntest tal-emenda tal-miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq, titħassar is-setgħa tal-President tar-Repubblika, elett direttament miċ-ċittadini, li jaħtar u li jirrevoka l-President tal-awtorità regolatorja, u li din is-setgħa tingħata pjuttost lill-gvern, trasferiment li jstabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni legali eżistenti qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva?
- 2) L-Artikolu 35(5) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE jista' jiġi interpretat, b'mod partikolari fid-dawl tal-premessa 34 tiegħu, fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, bl-għan li tiggarrantixxi l-protezzjoni tal-interess pubbliku, tawtorizza lill-ministeri sabiex jipparteċipaw fil-proċedura ta' regolamentazzjoni tariffarja quddiem l-awtorità regolatorja?

---

<sup>(1)</sup> ĠU 2009, L 211, p. 55.

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2019 mir-Repubblika Franċiża mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-12 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-26/18, Franza vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-404/19 P)**

(2019/C 238/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: D. Colas, A.-L. Desjonquères, C. Mosser, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla parzjalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tat-12 ta' Marzu 2019, fil-Kawża T-26/18, Franza vs Il-Kummissjoni;
- tiddeċiedi definittivament it-tilwima billi tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) <sup>(1)</sup>, sa fejn din timponi fuq Franza korrezzjonijiet b'rata fissa ta' 100 % minħabba n-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-ghajjnuna skont is-superfiċi f'Haute-Corse;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.